**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru: 694/202DC**

***Attard Bros Construction Materials Ltd (C29511)***

***vs***

***Emanuel Baldacchino & Company Ltd (C 44700); u***
***Emanuel Baldacchino (ID 0368682M)***

Illum, 13 ta' Lulju, 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Attard Bros Construction Materials Ltd (C29511) ppreżentat fit-2 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema ppremetta is-segwenti:-

1. *Illi per forza ta' kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu datat it-tmintax ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (18.02.2021) fl-atti tan-Nutar Dottor Katrin Bartolo, li vera kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa bħala DokumentABCML1, is-soċjetà intimata, Emanuel Baldacchino & Company Limited, ikkostitwiet ruħha bħala vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84), oltre l-imgħax legali, bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), b'effett mill-14 ta' Lulju, 2020 sad-data tal-effettiv pagament;*

2. *Illi inoltre, u per forza tal-istess preċitat kuntratt pubbliku (Dok ABCML1), is-soċjetà intimata, Emanuel Baldacchino & Company Limited, intrabtet illi tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-imsemmija somma ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro*

*u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84), oltre l-imgħax legali, bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), b'effett mill-14 ta' Lulju, 2020 sad-data tal-effettiv pagament, permezz ta' pagamenti mensili ta' ħamest elef euro (€5,000) 'l wieħed, b'dan illi l-ewwel pagament mensili kellu jiġi effettwat fis-sebgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (27.02.2021) u l-pagamenti mensili sussegwenti kellhom isiru skont l-iskeda annessa bħala 'Dokument B' mal-istess preċitat kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu (Dok. 'ABCML 1');*

3. *Illi, dejjem per forza tal-istess preċitat kuntratt pubbliku (Dok ABCML1), ġie pattwit illi f'każ illi s-soċjetà intimata, Emanuel Baldacchino & Company Limited, tonqos milli teffettwa kwalsijasi pagament jew tonqos milli tħallas l-ammont intier illi jikkorrispondi għal kwalsijasi pagament minn fost il-pagamenti mensili u d-dati ta' skadenza rispettivi indikati fl-imsemmija skeda, annessa bħala Dokument B mal-istess preċitat kuntratt pubbliku, u l-istess soċjetà intimata tibqa' hekk moruża milli teffettwa kwalsijasi pagament jew milli tħallas l-ammont intier illi jikkorrispondi għal kwalsijasi pagament għal perjodu ta' tliet (3) xhur mid-data ta' skadenza relattiva għal kwalsijasi pagament minn fost il-pagamenti mensili u d-dati ta' skadenza rispettivi indikati fl-istess imsemmija skeda, l-istess soċjetà intimata titlef il-benefiċċju tat-terminu ta' ħlas konċess lilha per forza tal-istess kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu u l-bilanċ intier mis-somma dovuta ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84), oltre l-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-erbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (14.07.2020) sad-data tal-effettiv pagament, isir dovut minnufih;*

4. *Illi inoltre, u per forza tal-istess preċitat kuntratt pubbliku (Dok ABCML1), l-intimat l-ieħor, Emanuel Baldacchino (ID 0368682M), f'ismu proprju, iggarantixxa a favur is-soċjetà rikorrenti l-osservanza tal-obbligi, it-termini u l-kondizzjonijiet kollha naxxenti mill-istess kuntratt pubbliku u, partikolarment, il-ħlas tas-somma dovuta mis-soċjetà intimata, Emanuel Baldacchino & Company Limited, lis-soċjetà rikorrenti, oltre l-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-erbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (14.07.2020) sad-data tal-effettiv pagament, u dan in solidum mal-istess soċjetà intimata;*

5. *Illi minkejja dak pattwit per forza tal-preċitat kuntratt pubbliku (Dok ABCML1), mid-data tal-iffirmar tal-istess kuntratt pubbliku, fit-18 ta' Frar, 2021, sal-lum, tħallset biss is-somma komplessiva ta' erba' mija u sebgħa u tmenin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€487.29) mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti akkont tad-dejn dovut mill-intimati, in solidum bejniethom, a favur is-soċjetà rikorrenti, u dan kif joħroġ mill-prospett illi qiegħed jiġi hawn anness bħala Dokument ABCML2;*

6. *Illi għalhekk l-intimati huma morużi fil-ħlas tal-pagamenti mensili dovuti minnhom skont l-istess kuntratt pubbliku għal perjodu ferm itwal mill-perjodu ta' tliet (3) xhur konċess lilhom mid-dati rispettivi ta' skadenza ta' dawk il-pagamenti mensili illi laħqu saru dovuti u pagabbli a favur is-soċjetà rikorrenti sal-lum skont l-iskeda annessa mal-imsemmi kuntratt pubbliku (Dok ABCML1);*

7. *Illi għalhekk, u skont kif ġie pattwit fl-imsemmi kuntratt pubbliku (Dok ABCML1), il-bilanċ mis-somma ċerta, likwida u dovuta ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84), oltre l-imghax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-erbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (14.07.2020) sad-data tal-effettiv pagament, sar kollu dovut u pagabbli minnufih lis-soċjetà rikorrenti b'riżultat tad-dekadenza mill-benfiċċju tat-terminu għall-ħlas;*

8. *Illi, konsegwentement, l-intimati huma debituri tas-soċjetà rikorrenti, in soldium bejniethom, fis-somma ta' mija u wieħed u għoxrin elf u wieħed u ħamsin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€121,051.26), rappreżentanti, in kwantu għas-somma ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84) il-bilanċ tal-kapital dovut, u in kwantu għas-somma ta' erbatax-il elf, ħames mija u erbgħa u tletin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€14,534.42) il-bilanċ tal-imgħax legali, bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), magħluq fuq il-kapital mill-erbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (14.07.2020) sat-tmienja u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (28.07.2022) wara li titnaqqas is-somma komplessiva ta' erba' mija u sebgħa u tmenin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€487.29) imħallsa akkont mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti, u dan kif joħroġ mill-prospett hawn anness bħala Dokument ABCML2.*

9. *Illi għalkemm is-soċjetà rikorrenti interpellat lill-intimati ripetutament sabiex iħallsu l-imsemmi ammont huma baqgħu inadempjenti u ma ħallsux;*

10. *Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.*

11. *Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

Illi wara li hekk ippremettiet is-soċjeta' attriċi tatlbet lil din l-Qorti:

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati naqsu milli jħallsu lis-soċjetà rikorrenti l-pagamenti mensili illi saru dovuti skont il-kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu datat it-tmintax ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (18.02.2021) fl-atti tan-Nutar Dottor Katrin Bartolo (Dokument 'ABCML 1') entro ż-żmien pattwit fl-istess kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu;*
2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi, konsegwentement, il-bilanċ mis-somma ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84), oltre l-imghax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-erbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (14.07.2020) sad-data tal-effettiv pagament, huwa dovut u pagabbli mill-intimati, in solidum bejniethom, lis-soċjetà rikorrenti minnufih stante illi l-intimati iddekadew mill-benefiċċju tat-terminu konċess lilhom per forza tal-kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu datat it-tmintax ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (18.02.2021) fl-atti tan-Nutar Dottor Katrin Bartolo (Dokument 'ABCML 1');*
3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi, konsegwentement, l-intimati huma debituri, in solidum bejniethom, tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' mija u wieħed u għoxrin elf u wieħed u ħamsin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€121,051.26), rappreżentanti, in kwantu għas-somma ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84) il-bilanċ tal-kapital dovut, u in kwantu għas-somma ta' erbatax-il elf, ħames mija u erbgħa u tletin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€14,534.42) l-imgħax legali, bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), magħluq fuq il-kapital mill-erbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (14.07.2020) sat-tmienja u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (28.07.2022), hekk kif joħroġ mill-prospett hawn anness bħala Dokument 'ABCML 2', oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri, dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), fuq il-bilanċ tal-kapital dovut fis-somma ta' mija*

*u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84), b'effett mid-disgħa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (29.07.2022) sad-data tal-effettiv pagament;*

4. *Konsegwentement, tikkundanna lill-intimati, in solidum bejniethom, sabiex iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' mija u wieħed u għoxrin elf u wieħed u ħamsin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€121,051.26), oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri, dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), fuq il-bilanċ tal-kapital dovut fis-somma ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84), b'effett mid-disgħa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (29.07.2022) sad-data tal-effettiv pagament;*

*B-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1903/2022 ippreżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Mejju, 2022 (vera kopja hawn annessa Dok ABCML 3) kontra s-soċjetà intimata, li r-rappreżentanti ta' liema huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni tagħha, u kontra l-intimat garanti solidali, f'ismu proprju, li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu, in solidum bejniethom.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 587/2021 ppreżentata fil-11 ta' Frar 2021 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.*

Rat id-degriet ta'l-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti mgħoti f'l-20 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura ta'l-affissjoni u l-publikazzjoni ai termini ta'l-artikolu 187(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[1].

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma nhar is-27 ta' Ġunju 2023 meta il-konvenuti naqsu li jidhru u stante li ma preżentawx ir-Riposta Ġuramentata tagħhom gew meqjusa kontumaċi[2].

Semgħet il-provi tas-soċjeta attriċi.

[1] Ref affissjonijiet skond riferiti a fol 60 u a fol 67 u publikazzjonjiet a fol 61.
[2] Ref verbal a fol 69.

Rat li l-konvenuti, ai terminu ta'l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ingħataw l-opportunita li jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet[3] iżda dan m'għamluħx.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mir-Rikors Ġuramentat u d-dokumenti annessi miegħu jirriżultaw s-segwenti fatti:

- Is-soċjeta konvenuta kellha kont kurrenti mas-soċjeta attriċi relatat mal-fornitura ta' materjal tal-bini; mir-rendikont datat it-18 ta' Frar 2021[4] jidher li kienu inħarġu fatturi b'valur totali ta' mija u sitt elef ħames mija u sittax il-Ewro  u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84).
- Fit-18 ta' Frar 2021, u permezz ta' kuntratt pubbliku, is-soċjeta konvenuta Emanuel Baldacchino & Company Ltd, ikkostitwiet ruħha veru cert u likwidu debitriċi tas-soċjeta attriċi f'dik is-somma ta' mija u sitt elef ħames mija u sittax il-Ewro  u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84), oltre imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-14 ta' Lulju 2020 sad-data tal-pagament effettiv.[5]
- Skond l-istess kuntratt is-soċjeta konvenuta obbligat ruħha li tħallas il-kapital imsemmi f' pagamenti mensili ta' ħamest elef Ewro (€5,000) b'l-ewwel pagament dovut fis-27 ta' Frar 2021; skeda tal-pagamenti dovuta ġiet redatta u annessa mal-kuntratt[6].
- Ġie patwiet ukoll li jekk is-soċjeta konvenuta tonqos milli tħallas pagament wieħed jew ammont ekwivalenti għal pagament wieħed u tibqa hekk moruża għal perjodu ta' tlett xhur titlef l-benefiċċju tat-terminu u l-bilanċ kollu jkun dovut immedjatament.
- Il-konvenut Emanuel Baldacchino, deher fuq dan l-att pubbliku bħala garanti, u ikkostitwixxa ruħu veru ċert u likwidu debitur tas-soċjeta attriċi *in solidum* mas-soċjeta konvenuta, għal-istess ammont u b'l-istess kundizzjonijiet.
- Wara li ġie iffirmat dan il-kuntratt is-soċjeta attriċi baqgħet tissuplixxi materjal lis-soċjeta konvenuta pero għal dan il-materjal is-soċjeta konvenuta kienet issa qed tħallas qabel d-data tal-konsenja. Il-fatturi maħruġa minn Marżu 2021

[3] Ref l-istess verbal ta'l-udjenza miżmuma fis-27 ta' Ġunju 2023 a fol 69.
[4] Dok A, anness mal-kuntratt Dok ABCML1, a fol 15.
[5] Ref Dok ABCML1 a fol 10.
[6] Dok B, anness mal-kuntratt Dok ABCML1, a fol 19.

kellhom valur totali ta' sitt elef tlett mija u sitta u disgħin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€6,396.21). F'l-istess perjodu ta' wara it-18 ta' Frar 2021 is-soċjeta konvenuta ħallset total ta' sitt elef tmien mija tlieta u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€6,883.50). Għalhekk il-pagamenti effettwati kienu jeċċedu l-valur tal-fatturi relattivi; l-ammont imħallas in eċċess kien erbgħa mija sebgħa u tmenin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€487.29).[7] Dan l-ammont mħallas in eċċess mar akkont ta'l-imgħax dovut fuq il-kapital imsemmi fil-kostituzzjoni ta' debitu.

- Is-soċjeta konvenuta m'għamlet l-ebda pagament ieħor għalhekk tilfet il-benefiċċju tat-terminu.
- Permezz ta' ittra uffiċjali datat 6 ta' Mejju 2022, debitament notifikata lilhom, il-konvenuti ġew interpllati biex iħallsu il-kapital kollu flimkien ma'l-imgħax.[8]
- Minkejja din l-interpellazzjoni il-konvenuti ma ħallsux dak dovut u għalhekk saret din il-kawża.

Illi rappreżentant tas-soċjeta attriċi xehed[9] u kkonferma li l-pożizzjoni kif riflessa fir-rikors ġuramentata ma nbidlitx stante li ma sar l-ebda pagament, la mis-soċjeta konvenuta u lanqas mill-konvenut.

Illi dawn il-fatti mhux biss jirriżultaw mill-atti u mid-depożizzjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta attrici imma lanqas m'huma kontradetti b'xi prova oħra.

Illi, tenut kont tas-suespost, il-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ppruvati u ġustifikati u konsegwentement ser tilqa' t-talbiet kollha hekk kif dedotti fir-rikors ġuramentat, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa t-talbiet kollha tas-soċjeta attriċi b'l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv b'dan li ai fini tat-tielet u r-raba' talbiet jiġi kjarifikat li l-kapital dovut huwa ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84), u s-somma ta' erbatax-il elf, ħames mija u erbgħa u tletin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€14,534.42) tirrapreżenta imgħax fuq dak il-kapital mill-14 ta' Lulju 2020 sat-28 ta' Lulju 2022 u konsegwentment l-imgħax jkompli jiddekorri

[7] Ref prospett esebit, flimkien mal-fatturi relattivi, Dok ABCML2 a fol 20
[8] Ref kopja ta'l-ittra uffiċjali Dok ABCML3 a fol 36.
[9] Ref depożizzjoni a fol 70.

minn wara din l-aħħar data fuq il-kapital ta' mija u sitt elef, ħames mija u sittax-il euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€106,516.84) sal-pagamwent effettiv. B'l-ispejjez kontra il-konvenuti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**